## Bijografija ta' Mario Sepi

### Minn attiviżmu trejdjunjonistiku għal impenn lejn il-mudell soċjali Ewropew

#### *L-għeruq tal-vokazzjoni Ewropea: il-"Federalisti Żgħażagħ"...*

L-istorja tiegħi ntrabtet ma' dik tal-Kumitat sa minn tmiem is-sittinijiet, meta bdejt ninteressa ruħi fil-kwistjonijiet Ewropej u żviluppajt interess qawwi fl-Ewropa soċjali, minħabba l-esperjenza li ksibt fil-Moviment Federali Ewropew, bħala segretarju tas-sezzjoni Rumana fi ħdan il-"Federalisti Żgħażagħ".

Sa mill-1966, ħdimt bħala riċerkatur mal-IAI (Istitut għall-Affarijiet Internazzjonali) u kont inkarigat mill-politika soċjali u trejdjunjonistika fl-Ewropa; b'hekk stajt niskopri u naħdem flimkien mal-Kumitat bħala espert għar-relazzjonijiet mal-pajjiżi tal-Mediterran, mill-1969 sal-1974.

Ix-xorti riedet li l-ewwel ħidma tiegħi f'dan l-istitut, dak iż-żmien taħt il-Presidenza ta' Altiero Spinelli, kienet reċensjoni ta' artiklu dwar ir-rwol tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali.

Fis-sebgħinijiet u t-tmeninijiet iffukajt fuq l-attività trejdjunjonistika tal-Konfederazzjoni tat-Trejdjunjins Taljani (CISL), l-ewwel bħala espert tal-politika internazzjonali u wara bħala Segretarju Nazzjonali tal-FIM (Federazzjoni Taljana tal-Ħaddiema tal-Metall), b'responsabbiltà għall-politika industrijali u kuntrattwali.

Peress li f'dawk is-snin kont ħdimt ħafna fuq l-importanza tas-setturi tal-aeronawtika u tal-awtomobiliżmu, kont wieħed mill-protagonisti li wasslu lit-trejdjunjin biex fl-1984 tiffirma l-ftehim mal-FIAT, li temm kriżi ekonomika twila li nibtet kaġun tat-taħbit tal-1980.

Dan il-ftehim wassal biex jiddaħħlu mill-ġdid fil-kumpanija dawk il-ħaddiema li kienu spiċċaw barra u biex jinkiseb riżultat tajjeb ħafna mill-aspett tan-negozjar trejdjunjonistiku, f'perijodu li matulu l-ħaddiema kellhom jiffaċċjaw taħbit aħrax biex jipproteġu d-drittijiet tagħhom u li matulu seħħew tranżizzjonijiet soċjali deċiżivi, kemm fl-Italja kif ukoll fl-Ewropa.

#### *L-għan ewlieni tal-azzjoni trejdjunjonistika: l-iżvilupp soċjali*

Sa minn dawk iż-żminijiet ippruvajt li f'kull rwol li kelli fit-trejdjunjin dejjem immexxi 'l quddiem idea waħda: l-impenn lejn tip partikolari ta' żvilupp soċjali.

Dan l-element kien ukoll wieħed mill-għanijiet ewlenin tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali, li ngħatawlu fil-ħolqien tiegħu permezz tat-Trattat ta' Ruma fl-1958, jiġifieri responsabbiltà fundamentali għat-twettiq tal-mudell soċjali Ewropew.

L-idea ta' promozzjoni tal-iżvilupp soċjali ispirat il-ħidma ta' wara fil-qasam tal-kooperazzjoni internazzjonali meta, fil-bidu tad-disgħinijiet, sirt direttur tal-ISCOS (Istitut Trejdjunjonistiku għall-Kooperazzjoni tal-Iżvilupp).

Permezz ta' dan ir-rwol, kont responsabbli għal bosta proġetti ma' pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw; ħdimt mal-istituzzjonijiet ta' kooperazzjoni f'livell Taljan u Ewropew u assigurajt li r-relazzjonijiet mal-pajjiżi terzi kienu msejsa fuq l-iżvilupp ugwali tas-soċjetà ċivili bejn it-Tramuntana u n-Nofsinhar.

Fil-ħidma tiegħi favur il-kooperazzjoni ma' pajjiżi bħall-Mali, iċ-Ċili u l-Brażil, sħaqt fuq it-taħriġ, it-taħriġ mill-ġdid b'rabta mal-attivitajiet professjonali li jagħtu dinjità lill-persuna, il-promozzjoni tal-kooperazzjoni bejn il-kategoriji soċjali differenti tas-setturi ekonomiċi u l-impenn għat-twettiq tal-libertajiet trejdjunjonistiċi.

B'mod partikolari fil-każ tal-Brażil, kelli rwol attiv fil-kooperazzjoni għall-ġlieda kontra d-dittatorjat taħt it-tmexxija tal-President attwali s-Sur Lula, permezz ta' bosta attivitajiet ta' taħriġ fil-qasam tal-iskola trejdjunjonistika maħluqa f'Belo Horizonte, fejn kien twaqqaf l-istabbiliment tal-FIAT.

Barra minn hekk, il-fatt li sa minn dejjem kont nagħmel parti minn organizzazzjonijiet trejdjunjonistiċi fil-livell Ewropew, bħal fil-każ tal-FEM (Federazzjoni Ewropea tal-Ħaddiema tal-Metall) wassal biex, minn naħa, il-parteċipazzjoni tat-trejdjunjins nazzjonali fi ħdan il-moviment Ewropew timxi 'l quddiem u biex, min-naħa l-oħra, jingħata kontribut biex jingħelbu d-diviżjonijiet u l-ostakoli ideoloġiċi sabiex ikollna Ewropa magħquda.

#### *Fil-Kumitat Ekonomiku u Soċjali...*

Sirt membru tal-Kumitat fl-1995 u fl-2002 ġejt elett bħala President tal-Grupp tal-Impjegati (Grupp II).

Fi ħdan il-Kumitat iddedikajt il-parti l-kbira tal-isforzi tiegħi għall-istudju bir-reqqa tal-kwistjonijiet ekonomiċi u tal-politika ekonomika u soċjali Ewropea.

Fost l-opinjonijiet l-iktar importanti li tagħhom kont rapporteur nixtieq infakkar l-opinjoni fuq inizjattiva proprja dwar it-Tendenzi, l-istrutturi u l-mekkaniżmi tas-swieq kapitali internazzjonali tal-2002.

Il-politika tal-kompetizzjoni, il-politika industrijali Ewropea u l-Unjoni monetarja (ipparteċipajt fil-grupp ta' studju li ħejja l-opinjoni tal-Kumitat dwar l-UEM u r-relazzjonijiet industrijali) u l-Istrateġija ta' Liżbona huma xi wħud mis-suġġetti li kkaratterizzaw l-opinjonijiet tiegħi.

Din is-sena kelli l-unur ninkuruna l-kisbiet tiegħi bil-Presidenza tal-Kumitat għas-sentejn li ġejjin.

Ġa tkellimt dwar il-prijoritajiet tal-Presidenza tiegħi u, biex nagħlaq, nixtieq nippreżentahom fid-dawl taż-żewġ miri istituzzjonali ewlenin li fuqhom irridu nimpenjaw ruħna biex tassew nagħtu prospettiva futura lill-Kumitat: l-Istrateġija ta' Liżbona l-ġdida wara l-2010 u l-adozzjoni tat-Trattat Ewropew il-ġdid, li qed jipproponi aktar drittijiet u parteċipazzjoni akbar.

Għalhekk nittama li ċċarajt imqar parti mill-mod ta' kif il-passat tiegħi sawwar l-ambizzjonijiet tiegħi għal din il-Presidenza fis-sentejn li ġejjin (2008-2010).

Iżda l-istorja tal-Kumitat hi l-punt tat-tluq tiegħi għat-twettiq ta' dawn l-ambizzjonijiet, billi nipprova ngħaqqad iż-żewġ direzzjonijiet tagħna flimkien, biex nistimolaw, inġeddu u nibnu.

Fil-mument li fih qiegħed inwarrab ir-rwol "parzjali" li qdejt tul il-karriera istituzzjonali tiegħi biex nieħu responsabbiltà kollettiva, huma ċari għalija d-diffikultajiet ta' din il-bidla iżda nqawwi qalbi bir-relazzjonijiet tajbin li ksibt mal-membri tal-gruppi kollha miġbura fil-Kumitat.


*Biex tikkuntattja l-President Mario Sepi:*

Indirizz tal-posta elettronika: **mario.sepi@eesc.europa.eu**

Tel: +32 25469297

Faks: +32 25469752


MT


QE-30-08-709-MT-C

ISBN 978-92-830-1023-4

KESE-2008-27-MT / 10.2864/42077


50

Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew



# Id-drittijiet u s-solidarjetà biex tiġi ggwidata l-globalizzazzjoni

*IL-PRESIDENT MARIO SEPI: 2008-2010*

# Il-messaġġ tal-Presidenza ta' Mario Sepi

## Id-drittijiet u s-solidarjetà biex tiġi ggwidata l-globalizzazzjoni

### *Is-solidarjetà - naqsmu proġett komuni...*

Ħafna drabi l-idea ta' solidarjetà hi ristretta għall-isfera tas-sentimenti, individwali jew kollettiva, iżda fi kwalunkwe każ tiddependi mir-rieda, l-unilateraliżmu u l-liberu arbitriju.

Is-slogan tal-Presidenza tiegħi "Id-drittijiet u s-solidarjetà biex tiġi ggwidata l-globalizzazzjoni" jirreferi għal idea oħra ta' solidarjetà, waħda li ssawret mal-medda tal-istorja Ewropea tagħna. Hija tip ta' solidarjetà li timplika reċiproċità u l-kunċett ta' qsim bejn l-individwi, l-għajnuna lill-proxxmu u parteċipazzjoni attiva.

Din l-idea teskludi ċerti termini li daħlu fil-vokabularju dinji, bħal pereżempju d-distinzjoni li ssir, fil-kooperazzjoni internazzjonali, bejn il-pajjiżi donaturi u l-pajjiżi li qed jiżviluppaw, li nsibuha wkoll fl-ispirtu karitattiv jew fil-kunċett ta' "konservatiżmu ħanin".

Is-solidarjetà ma tfissirx li wħud jagħtu u oħrajn jirċievu, wisq anqas tfisser ħniena u mogħdrija; lanqas ma tfisser li wħud jiddeċiedu u oħrajn jistennew mingħajr l-ebda pretenzjonijiet-tfisser biss il-qsim bejnietna ta' ċirkostanzi inugwali fi proġett komuni.

### *...minquxa fil-liġi...*

Mal-medda tas-sekli din l-idea ssawret f'organizzazzjonijiet nazzjonali, fi preċedenti legali u fid-dritt sostantiv, li bidlu l-għoti ta' karità spontanja mis-setgħana fi dritt għall-umli. Matul dawn l-aħħar sekli, kienet din il-qabża fil-kwalità tal-idea ta' solidarjetà minquxa fil-liġi, fl-istrumenti tar-ridistribuzzjoni (sistemi fiskali, negozjati kollettivi, l-istat assistenzjali ) u fit-tfittxija għall-ugwaljanza li saret realtà permezz tal-mudell soċjali Ewropew. Fil-fatt, minn naħa dan il-mudell jirrappreżenta waħda mir-raġunijiet ewlenin taċ-ċivilizzazzjoni tagħna u, min-naħa l-oħra, hu l-ixprun li wassal għall-iżvilupp tagħha.

### *...u strument ta' kompetittività*

Hu paradoss li din l-idea ta' solidarjetà mhijiex biss element kwalitattiv, tip ta' soċjetà jew skala ta' valuri taċ-ċivilizzazzjoni tagħna: tirrappreżenta wkoll strument kompetittiv fl-isfida għall-globalizzazzjoni.

Hekk intiża, is-solidarjetà hi kapaċi ġġiegħel l-istrutturi ekonomiċi jħaffu l-pass lejn żvilupp dejjem aktar kwalitattiv, ittejjeb il-livell ġenerali tal-mekkaniżmi ekonomiċi u soċjali, tagħti stabbiltà lis-soċjetà u tilqa' kontra d-diżastri soċjali u ambjentali li jistgħu jinqalgħu li kieku kellna nsejsu t-tfittxija għall-kompetittività biss fuq it-trażżin tal-ispejjeż u fuq il-kunflitti fis-soċjetà.

It-tfittxija għas-solidarjetà ma tmurx kontra l-globalizzazzjoni.

Il-globalizzazzjoni hi proċess li għadu għaddej, filwaqt li s-solidarjetà hi ġabra ta' azzjonijiet u objettivi li jippermettulna nisfruttaw il-potenzjal li hu parti integrali mill-iżvilupp ekonomiku u soċjali: it-tkabbir taċ-ċivilizzazzjoni u l-ugwaljanza għall-popli kollha tad-dinja.

# Il-President Mario Sepi: 2008-2010

## Sinteżi tal-Programm

### *Wara l-ewwel ħamsin sena tal-Kumitat...*

Il-fatt li din il-Presidenza tibda fis-sena li fiha qed infakkru l-ħamsin sena tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tagħti responsabbiltà doppja lill-mandat tiegħi: li nixħtu dawl fuq l-istorja tal-Kumitat u fl-istess ħin il-Kumitat għandu jaħseb għall-ġejjieni.

Barra minn hekk, il-ħamsin anniversarju tal-KESE ħabat mas-sena Ewropea għad-djalogu interkulturali.

Il-KESE għandu rwol importanti ħafna xi jwettaq rigward dan is-suġġett: minħabba li huwa l-vuċi tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, il-Kumitat jista' jirrappreżenta sinteżi u mera tad-differenzi soċjali u kulturali.

Il-Kumitat hu forum istituzzjonali fejn l-atturi differenti tas-soċjetà ċivili jistgħu jipproponu soluzzjonijiet miftiehma fil-qafas ta' rwol konsultattiv ta' appoġġ għall-istituzzjonijiet leġiżlattivi u eżekuttivi tal-UE.

Li nħarsu 'l quddiem lejn il-prospettivi futuri tal-KESE wara l-2008 jfisser impenn għall-iżvilupp tal-potenzjal kbir tiegħu fir-rigward:

- tat-tħeġġiġ tal-bidla fis-soċjetajiet tagħna
- tat-tisħiħ tal-ħarsien tal-mudell soċjali Ewropew.

### *Nevalwaw il-konsegwenzi tal-politiki fuq is-soċjetajiet tagħna*

Kif juri s-slogan tiegħi, beħsiebni niddirieġi l-ħidma tal-Kumitat lejn il-kunċett tas-solidarjetà u d-drittijiet.

Għalkemm sentejn mhumiex perijodu twil ħafna, dawn jirrappreżentaw perijodu ideali għat-tisħiħ ta' ċerti impenji u għall-għoti ta' direzzjoni li tħares 'il quddiem, b'mod ġenerali lejn rwol aktar b'saħħtu tal-Kumitat fil-kuntest tal-istituzzjonijiet Komunitarji.

Wieħed mill-objettivi l-kbar li rridu nimmiraw għalih sabiex naċċertaw li l-vuċi tal-Kumitat tirrifletti tassew l-eżiġenzi tas-soċjetà, se jkun dak li nippromovu l-evalwazzjoni tal-impatt reali tal-politiki Ewropej meta jiġu implimentati fis-soċjetajiet tagħna.

F'dan il-kuntest jeħtieġ li nsiru nafu malajr kemm jista' jkun il-konsegwenzi tad-deċiżjonijiet Ewropej.

Permezz tal-membri tiegħu u tal-organizzazzjonijiet rispettivi tagħhom, il-Kumitat għandu aċċess għal netwerk eċċezzjonali għall-evalwazzjoni reali, fil-livell lokali, tal-impatt tad-direttivi u tal-effetti tal-politiki Ewropej. Irridu nimpenjaw ruħna f'dan ir-rigward.

B'dan il-mod, il-Kumitat ikun qiegħed mhux biss jappoġġja l-istituzzjonijiet Ewropej u d-deċiżjonijiet tagħhom, iżda jkun kapaċi wkoll li, f'kuntesti differenti, kemm nazzjonali u organizzattivi, iwieġeb għall-mistoqsija: x'kienu l-implikazzjonijiet ta' deċiżjoni partikolari fuq il-kategoriji differenti li jiffurmaw is-soċjetà? X'impatt kellha fuq ir-relazzjonijiet industrijali? U fuq il-progress soċjali u ċivili fil-pajjiżi individwali?

### *Tliet prijoritajiet ewlenin*

It-Trattat ta' Liżbona jinkludi ġabra ta' artikoli li jsaħħu d-**demokrazija parteċipattiva**.

Hu primarjament f'idejn il-Kumitat li jixtarr il-possibbiltajiet ta' implimentazzjoni aktar effettiva ta' dawn l-artikoli: minn naħa, bit-tisħiħ tar-rwol konsultattiv tiegħu, u mill-oħra, bl-użu sħiħ tal-inizjattiva popolari fir-rigward ta' kwistjonijiet legali u bit-tqegħid fil-prattika ta' dawk l-elementi ta' konsultazzjoni u informazzjoni tas-soċjetà ċivili fil-leġiżlazzjoni sekondarja.

Il-firdiet qawwija li jaqsmu s-soċjetà tagħna u l-ksur – fid-dieher – tal-patti soċjali bejn l-intraprendituri, it-trejdjunjins u l-gvernijiet, jeħtieġu titjib tal-kwalità tal-istrutturi ekonomiċi.

It-tieni prijorità hija l-**Istrateġija ta' Liżbona**.

Din l-istrateġija hi proġett ewlieni: il-kooperazzjoni mal-istituzzjonijiet l-oħra biex jiġu trattati l-kwistjonijiet tal-modernizzazzjoni, tas-soċjetà tal-għarfien, tal-kompetizzjoni internazzjonali, tar-riċerka, tad-drittijiet taċ-ċittadini kemm bħala ċittadini kif ukoll bħala ħaddiema, hi ċ-ċavetta biex jingħata kontribut għat-tiġdid tas-soċjetajiet tagħna.

Dan hu l-aħjar żmien biex inressqu proposti ġodda lill-istituzzjonijiet, lill-Istati Membri, lill-imsieħba soċjali u lill-organizzazzjonijiet l-oħra b'rabtiet mal-Kumitat.

Qabel kollox l-għan ta' dawn il-proposti l-ġodda għandu jkun it-tiġdid tal-istrutturi ta' produzzjoni tas-soċjetà Ewropea. Madankollu dan ma jistax iseħħ mingħajr it-tisħiħ tal-ħarsien u l-konferma tad-drittijiet u l-kondizzjonijiet tal-għajxien.

Minn hawn nistgħu nisiltu t-tielet prijorità: **id-drittijiet** u l-mudell soċjali Ewropew.

Mill-ġlieda għad-dħul fis-seħħ tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea sal-ġlieda biex tiġi assigurata l-applikazzjoni effettiva tagħha f'kull livell.

Jeħtieġ li l-"patt soċjali" l-ġdid imsawwar mill-Karta tad-Drittijiet u mid-dispożizzjonijiet tat-Trattat ta' Liżbona jinbidel f'politika reali. L-ewwel pass hu l-aġġornament tal-aġenda soċjali. Il-kjarifika tal-liġijiet dwar id-dritt għax-xogħol u d-definizzjoni tar-rabta bejn il-miżuri Ewropej u dawk nazzjonali u kuntrattwali jirrappreżentaw parti minn din il-ħtieġa ta' ċarezza soċjali u huma meħtieġa biex terġa' tingħata ċertezza legali u soċjali liċ-ċittadini Ewropej.

### *Inwasslu messaġġ ċar: l-importanza tal-komunikazzjoni*

Il-Kumitat għandu jiżviluppa fl-istess waqt strateġija ta' komunikazzjoni interna u esterna effikaċi: interventi f'waqthom, l-effikaċja u l-kontenut politiku għandhom jiffurmaw parti mill-komunikazzjoni istituzzjonali ta' Kumitat Ekonomiku u Soċjali modern.

Il-Kumitat għandu jagħti prijorità lid-dibattiti politiċi attwali.

Il-komunikazzjoni għandha tirrifletti r-realtà u tkun kapaċi turi li l-kwistjonijiet li joħroġu mid-dibattitu istituzzjonali qed jiġu kkunsidrati fid-dettall u f'ħin opportun.

Fil-qafas tal-komunikazzjoni esterna, jeħtieġ li nimxu lejn strateġija marbuta mal-attivitajiet tal-istituzzjonijiet Ewropej l-oħra sabiex insaħħu l-kooperazzjoni u l-influwenza tal-Kumitat fir-rigward tal-prerogattivi tiegħu.